MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2004

Talba Numru. 1834/2003

**IdeaCasa Company Limited**

**Vs**

**Brian Vincent Abdilla**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta’ Lm355.95 (tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ ghamara mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fl-10 ta’ Mejju 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fil-5 ta’ Lulju 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------